Kunsill Lokali –ISLA– Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 16

**29 ta' Lulju 2025**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tlieta 29 ta'Lulju 2025 fl-4:30 pm.

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Joeline Attard - | Kunsilliera |
| Mario Gauci - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

2,/4, Triq San Guzepp, Isla, ISL1229, Malta.

: +356 21662424 @ :isla.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 16 għal-għaxar leġislatura

| | |
|---|---|
| **16.1** | **Qari ta' l-ittri ta' apologiji** |
| **16.01.01** | Ma kienx hemm |
| **16.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 16.02.01 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 15/2025, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill-kunsillier is-Sur Mario Gauci u ġew issekondati mill-kunsilliera is-Sa Joeline Attard. |
| **16.03** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 16.03.01 | Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti u s-segretarju eżekuttiv irringrazzjaw il-ħidma tal-kunsillier Keith Galea filwaqt li laqaw il-kunsillier il-ġdid is-Sur Mario Gauci li kien għadu kif ġie maħtur u ħa l-ġurament tal-kariga ta' kunsillier illum 29 ta' Ġunju 2025. |
| 16.03.02 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill irċieva Ċirkulari numru 3 /2025 dwar l-allowances għall-Presidenti tal-kunsilli Reġjonali, President tal-Assoċjazzjoni tal-kunsilli Lokali, Sindki , Viċi Sindki u Kunsilliera Lokali. |
| 16.03.03 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti dwar ċirkulari li l-kunsill qassam fejn ir-residenti kienu avżati li mit-Tnejn 7 ta' Lulju sal-Erbgħa 9 ta' lulju 2025 mit-8:00am sal-4:00pm mhux ser ikun jista' jsir parkeġġ fi Pjazza George Mittrovich minħabba li hemm bżonn li jinfetħu t-tappieri biex jgħaddu il-wajers għas-CCTV's. |
| 16.03.04 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsilliera Joeline Attard kienet preżenti għal-laqgħa dwar il-kontijiet tal-Arms ġewwa l-AKL fejn ġew diskussi diffikultajiet li jista' jiltaqa' magħhom l-amministrattiv tal-kunsill, bħal sigurtà, nuqqas ta' klerikali, konformita legali, impatt fuq is-servizz eżistenti, nuqqas ta' idea dwar l-ammonti li jistgħu jiġabru fil-flus kontanti, nuqqas ta' konsultazzjoni u kemm huma tassew ħielsa il-kunsilli fl-għażla. Is-Sa. Joeline Attard infurmat lil kunsilliera li l-kunsill jirċievi 90c għall kull kont. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li dawn bil-kemm ikopru l-ispejjeż tal-Bank jekk jiġu jħallsu bl-EPOS jiġifieri l-kunsill jispiċċa joħroġ aktar spejjeż. |

| | |
|---|---|
| 16.03.05 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li rċieva imejl minn għand Active Ageing and Community Care fejn jixtiequ jagħmlu sezzjonijiet għal Mental wellbeing fil-komunita’ *one to one* . |
| 16.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li irċieva imejl minn għand l-SHS sabiex il-kunsill jikkollabora mas-Senglea Historic Society għal pubblikazzjoni tal-ktieb ta’ informazzjoni dwar l-istorja tal-Isla. Il-Kunsill ser joħroġ l-ammont ta’ 250 ewro bħas-snin preċedenti. |
| 16.03.07 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li irċieva imejl minn għand is-segretarju tal-Każin tal-Banda La Vincitrice sabiex il-kunsill jikkollabora għal pubblikazzjoni tal-ktieb tal-festa. Il-Kunsill ser joħroġ l-ammont ta’ 300 ewro bħas-snin preċedenti. |
| 16.03.08 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li ser jibgħatilhom il-minuti tal-laqgħa tar-Reġjun Port Nru 50 permezz ta’ imejl. |
| 16.03.09 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li saret laqa’ dwar il-parkeġġ ta’ Boiler Wharf sabiex ikun hemm aċċess għall-40 parkeġġ mis-6:00am sas-6:00pm. Il-Kunsill irrid jipprovdi tabella li jekk ikun hemm karozzi li jibqgħu ipparkjati mhux fil-ħinijiet indikatiġ jiġu miġbuda.Il-Parkeġġ huwa fuq bażi ta’ *First Come First Served.* Meta jkun hemm Cruise Liners jew Frejgata tal-Gwerra ma jkunx permess dan il-parkeġġ. |
| 16.03.10 | Is-Sindku informa l-kunsilliera li l-kunsill tal-Isla talab laqgħa mal-MDIA sabiex jiltaqgħu biex jaraw kif il-kunsill ser jipproċedi bit-tender tal-bollards, wara l-inċident li seħħ f’ Ġunju li għadda. |
| 16.03.11 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li kellu laqgħa mas-surġent fejn ġie diskuss li l-permessi tar-Regatta li għandhom jitpoġġew fil-parkeġġi ta’ fejn il-grawnd u jinatgħu bl-ordni ta’ *first come first serve*. |
| 16.03.12 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li mal-permesssi tat-tiġijiet li jinħarġu għal-gardjola jkun hemm immarkata fuq site plan liema parking huwa riservati għat-tieġ. L-Attivita li ser issir fit-8 u 9 t’ Awissu 2025 fil-Gardjola il-kunsilliera u l-ħaddiema huma kollha mistiedna. Fit-8 t’Awissu 2025 ser ikun hemm l-ikel u ser ikunu *seated* u x-xorb jinxtara mil-bar. Fid-9 t’ Awissu l-attivita ser tkun *standing up*. |
| 16.03.13 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-Kunsilliera Joeline Attard qed tieħu ħsieb l-programm tal-Code Week flimkien ma Ms. Napier li ser issir bħas-snin preċedenti kif kien issir mal-kunsilliera is-Sa. Corinne Buhagiar. Dan il-programm ser issir fis-17 t’ Ottubru 2025 sabiex tidħol fil-kalendarju skolastiku flimkien mal-ġenituri, nanniet u studenti. |
| 16.03.14 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li ser issiru rehearsals fis-sala tal-kunsill għall-attivita ta’ Integrarti li ser issir fit-30 ta’ Lulju fejn il-bust ta’ Juna B. Azopardo ix-xatt tal-Isla. Kif titlesta din l-attivita ser titpoġġa dagħjsa li |

| | |
|---|---|
| | hija biċċa arti mil-artista Tereża Bużuttil fejn din id-dagħjsa kienet qed tiġi esebita fil-Mużew Marittimu u issa ser inġibuha fil-lokalita' tal-Isla fejn il-bust Juan B. Azopardo sabiex tiġi eżebita mill-pubbliku. Għalissa qeda fil-garaxx tal-kunsill sakemm tiġi restawrata imbgħad titniżżel ix-xatt. |
| 16.03.15 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li hemm bżonn jinbidel il-bieb tal-garaxx għaliex bil-van ma jkunx jista' jingħalaq għaliex il-bieb jinfetaħ il-ġewwa għalhekk il-kunsill ser iġib stima ta' bieb li jinfetaħ bħala shutter jew roller. |
| 16.03.16 | Is-Sindku informa lill-kunsilliera li, flimkien mas-segretarju eżekuttiv, mal-Arċipriet u ma Sa. Kirby Attard qed isir studju sabiex l-isem **"L-Isla"** jinbidel u jerġa' jsir kif kien oriġinarjament: **"Senglea"**.<br>Ser jitqassam fuljett b'informazzjoni bieb bieb, sabiex wara ssir votazzjoni fejn in-nies ikunu jistgħu jesprimu l-opinjoni tagħhom.<br>Is-Sindku informa wkoll li diġà kellu laqgħa mal-Ambaxxatur Malti ġewwa Franza, bil-ħsieb li jsir ġemellaġġ minħabba r-rabta storika ta' Senglea mal-Gran Mastru **La Sengle**, fejn instab ukoll fejn kien twieled La Sengle. |
| 16.03.17 | Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat lill-Kunsilliera li ngħata **default notice** lill-kuntrattur tal-kenniesa, peress li ma ntbagħatx sostitut għal kennies nieqes. Għaldaqstant, inqata' parti mill-pagament dovut, minħabba li s-servizz ma ngħatax kif suppost. |
| 16.03.18 | Is-Sindku informal il kunsilliera li flimkien mas-segretarju eżekuttiv kellu laqgħa onlajn mal-perit fejn spjega ir-rapport li inħareġ dwar l-istat tal-konkos li hemm fejn il-letrina. Ir-rapport qed juri li l-konkos tal-pilastri huwa fi stat tajjeb iżda irrid jiġi itratat bir-redoxide ix-xibka minn żewġ metri l-isfel u taħt it-taraġ u jsir mil-ġdid. |
| 16.03.19 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li Triq l-Oratorju ser tinbaraxx u kien hemm xi residenti tat-triq li jridu li issir U Bar biex ma jipparkjawlhomx fuq il-bankina u jagħlqulhom l-aċċes għal-bieb tad-dar. Is-Sinkdu bagħat lil perit responsabli dwar dan l-ilment. |
| 16.03.20 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-letrini tax-xatt fis-Sajf se jingħalqu fit-8.00 p.m. Huwa spjega li kien hemm xi ilmenti li l-letrini mhux qed jinżammu miftuħa sal-11.00 p.m., iżda dan ma jistax isir minħabba li l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill ma jixtiqux jagħmlu overtime sa dak il-ħin. Intqal ukoll li Michael Azzopardi hu l-uniku ħaddiem li jixtieq jagħmel overtime sat-8.00 p.m. Is-Sindku ssuggerixxa li l-letrini jiġu f'idejn id-dipartiment tal-**Cleansing**. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' dan il-proposta. |

| | |
|---|---|
| **16.4** | **Mozzjonijiet** |
| **16.04.01** | Ma kienx hemm |
| **16.05** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 16.05.01 | Ma kienx hemm |
| **16.06** | **Rapporti** |
| 16.06.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl rapporti tal-*Purchase Order* ta' Ġunju 2025 u l-*Petty Cash* ta' Ġunju 2025 fejn ġew approvati mill-viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondat mill-kunsilliera Joeline Attard. |
| 16.06.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat ir-rapport tat-tieni kwart tas-sena lil kunsilliera kollha fejn dan ir-rapport intbgħat permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha. Spjegat li għalkemm il-kunsill xtara il-garaxx il-kunsill għadu f'pożizzjoni tajba. Il-Viċi Sindku s-Sur Anthony Bonavia approva dan ir-rapport u l-kunsilliera s-Sa. Joeline Attard issekondat, |
| **16.07** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 16.07.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 07/2025 għal-għaxar leġislatura fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sa. Joeline Attard. |
| **16.08** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 16.08.01 | Is-Seduta ntemmet wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 21 t' Awissu 2025 fl-4:30pm. |

Konfermati, illum 21 t' Awissu 2025________

IFFIRMATA______________
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA________________
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv